MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 183/2003

**Doris Attard**

**Vs**

**Anthony McKay**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jizgombra mill-fond 63/64, Marsamxett Road, Valletta u dan stante li qed jokkupa l-imsemmi fond minghajr l-ebda titlu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal kull buon fini qed jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond de quo ma jeccedix il-hamsin lira Maltin (Lm50) fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzonijiet tal-konvenut (fol 9 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti jirrileva illi l-fond in kwistjoni huwa rekwizizzjonat mid-Dipartiment ghal Akkomodazjoni Socjali, u ilu hekk rekwizizzjonat ghal aktar minn hamsa u ghoxrin (25) sena, u ghalhekk l-attrici m'ghandhiex *locus standi* sabiex tintavola l-kawza odjerna.
2. Illi in oltre, u minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, l-attrici ghandha tipprova, a sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, l-interess guridiku taghha b'referenza ghat-titolu ta' proprjeta' relattiv.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, l-esponenti jirrileva illi huwa rikonoxxut bhala inkwilin tal-fond in kwistjoni mid-Dipartiment ghal Akkomodazzjoni Socjali, u ilu hekk rikonoxxut mill-1979.
4. Illi jsegwi ghalhekk ili t-talba attrici ghall-izgumbrament tal-konvenut mill-fond in kwistjoni ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attrici.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota ta' sottomissjonijiet sottomessa mill-attrici a fol 138 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici (fol 13 u fol 57 et seq ibid) tiddetjenti il-post in kwistjoni, b'titolu ta' kera, skond kif jirrisulta mill-affidavit sottomess minnha kif ukoll mill-ircevuti mahrugin mill-1979 u annessi 'in fotokopja" mal-istess affidavit. Hi kienet giet avvicinata mill-konvenuta, u fuq talba tieghu stess, kienet ippermettiet lil dan sabiex jabita fl-istess post "sakemm jsib post iehor". Inoltre "Ghidtlu li ma kontx ser inzommulu kera u kif ikolli bzonn il-post huwa kellu johrog mill-post mal-ewwel". Hu, l-konvenut, kien accetta dan kollu u ghalhekk l-attrici kienet harget sabiex tabita ma ommha. Sussegwentement fl-1990, il-post kien inxtara minn Partit Politiku, kif jirrisulta mid-dokumenti markati Dok C a fol 33 ibid, u mill-att pubbliku a fol 114 ibid. Inoltre kif jirrizulta ukoll mid-dokument a fol 34 ibid u x-xhieda a fol 53 ibid u

fol 111 ibid, l-attrici kienet giet rikonoxxuta bhala inkwilina mill-proprjetarju l-gdid.

Ikkunsidrat

Illi, pero' kif jidher minn dak li xehed Leonard Zerafa ( a fol 84 u fol 85 ibid) il-post in kwistjoni hu soggett ghal zewgt ordinjiet ta' rekwizizzjoni. Fil-fatt, f'ittra a fol 87 u 88 ibid jinghad ili, b'referenza ghall-fond numru 64, id-Dipartiment tad-Djar ma kellux oggezzjoni illi l-konvenut jokkupa l-istess post u dan "… temporaneament … sakemm jigi provdut akkomodazzjoni alternattiva". Din l-ittra ggib id-data ta' Gunju 1979 u tirreferi ghall-ordni ta' rekwizizzjoni numru 10813. (ara ukoll ix-xhieda tal-konvenut a fol 68 u 69 ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti jirrizulta illi:-

a) L-attrici, filfatt, hi l-inkwilina tal-post in kwistjoni u dan anke fuq bazi legali.
b) Il-konvenut ma jistax jghid illi qed jokkupa l-istess post b'xi titolu legali.
c) Pero, hu fatt ukoll, illi l-post in kwistjoni hu rekwizizzjonat u illi l-konvenut qed jokkupah permezz ta' din l-ordni anzi ordnijiet, kif hawn fuq premess. Avolja din il-Qorti tara illi dan ma' jammontax ghal titolu legali, tenut kont li ma jidhirx li saret il-procedura, skond il-ligi "in materia" sabiex il-konvenut jigi rikonoxxut, bhala inkwilin da parti tas-sid.

Illi, minhabba dak premess, f'dan l-istadju, jista jigi dikjarat illi l-konvenut ma pprovax xi forma ta' titolu favur tieghu u li permezz tieghu jista' jokkupa il-post. Pero minhabba l-ordinijiet ta' rekwizizzjoni l-istess Qorti ma tistax Tordna l-izgumbrament tieghu ghall-istess post.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti:-

a) tiddikjara lill-konvenut bhala li qed jokkupa l-post 63/64, Marsamxett Road, Valletta minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi izda
b) Tichad, f'dan l-istadju
c) It-talba attrici ghall-izgumbrament tal-konvenut mill-istess post.

In rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, kif esposti, il-Qorti tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------